**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 214/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Oglive Grima**

Illum, it-30 ta' Settembru 2020

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Oglive Grima, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 207891(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-16 ta' April, 2015, gewwa l-bajja tar-Rinella, l-Kalkara, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'ghemil zieni, kkorrompa lil A, minuri ta' 8 snin;
2. B'ghemil zieni, kkorrompa lil B, minuri ta' 16-il sena, C, minuri ta' 15-il sena, u D, minuri ta' 15-il sena;
3. Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-minuri C;
4. Aktar talli kien jaf jew messu kien jaf li kien ta' fastidju ghall-istess B, C, D u A;
5. Talli offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku;

6. Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi saq vettura meta ma kellux licenzja tas-sewqan valida;
7. Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi saq vettura meta ma kienx kopert b'polza tal-assigurazzjoni ghal riskji fuq terzi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta jew minghajr licenzja ta' sewqan specifikata ghal dik il-vettura, saq din il-vettura u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Lulju, 2019, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-27 ta' Settembru, 2016, u senjatament l-Artikoli 17, 18, 31, 201, 202(1), 207 u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a), 15(3), 15(4) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ddikjarat lill-imputat hati tat-tielet (3), tal-hames (5), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu sentejn (2) prigunerija u skwalifikatu milli jzomm jew jotjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar. Il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberatu minnhom.

Sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri, l-Qorti ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri kollha u tal-familjari taghhom fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum fejn il-persuni protetti huma A, B, C, D u l-familjari taghhom.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Oglive Grima, pprezentat fit-23 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil Qorti thassar jew tibdel ai termini tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Lulju, 2019, moghtija fil-konfront tiegħu billi tilliberah mill-htija u piena fir-rigward tat-tielet, il-hames, is-seba' u t-tmien akkuza u tikkonferma n-nuqqas ta' htija fir-rigward l-ewwel, it-tieni, r-raba' u s-sitt akkuza.

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellant Oglive Grima.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ipprezentata mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel aggravju minnu ntentat marbut mas-sejbien ta' htija ghar-reat tal-attentat vjolenti fuq il-pudur, l-appellant jishaq illi huwa kellu jigi liberat minn din l-imputazzjoni wkoll u dan peress illi fil-fehma tiegħu m'hemmx prova tal-vjolenza illi huwa element meħtieg sabiex jissusisti dan ir-reat u liema fattur ma jistax ikun preżunt. Dan ghaliex jishaq illi hemm distinzjoni bejn l-element tal-vjolenza kif mahsub fir-reat imfassal fl-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali u dak li jitkellem dwaru l-artikolu 202. In oltre għal dak li jirrigwarda s-sejbien ta' htija ghas-seba' u t-tmien imputazzjonijiet jikkontendi illi l-prosekuzzjoni ma resqitx prova dwar id-dettalji tal-vettura li allegatament kienet qed tinstaq mill-appellant u allura ma kienx hemm provi sal grad rikjest fil-ligi. Jgħid ukoll illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija eccessiva u tezorbita l-parametri tal-piena mposti bil-ligi li ma setatx teccedi dik tal-prigunerija ghal tlett xhur u l-multa.

Illi ezaminati mill-gdid l-atti tal-kawza jirrizulta illi l-investigazzjonijiet tal-pulizija dwar dan il-kaz inbdew wara li nhar is-16 ta' April 2015 għall-ħabta

tas-19:30hrs, E ghamlet rapport illi dakinhar bintha C, minuri fl-eta' ta' inqas minn sittax-il sena, kienet spiccat vittma ta' fastidju sesswali minn taht idejn l-appellant Oglive Grima u dan meta kienet ix-Xatt tal-Kalkara fil-kumpanija ta' xi tfajliet oħra kif ukoll ta' oħtha ta' tmien snin (A). L-appellant beda jiffittahom sabiex iwassalhom lura d-dar, izda rrifjutaw. Aktar tard filwaqt illi l-minuri C kienet fil-kumpanija tal-ħabiba tagħha D, l-appellant osservaha tbus lil din D fuq ħaddejha filwaqt li kienu qedgħin jieħdu xi ritratti flimkien bic-cellulari taghha u minn hawnhekk huwa beda ighajjarhom u jiffitthom. Wara dan baqa' jsegwiehom fejn ikkometta atti impudici fuq il-minuri C meta missilha sidirha u l-warrani, apparti li ressaqha lejh bil-forza w ipprova jbusha, f'liema waqt it-tfajla rresistiet ghal dawn l-avvanzi ta' natura sesswali u xejjritlu daqqa fuq wiccu. Kif għamlet din il-mossa l-appellant irrabja fejn hemmhekk ħareġ il-virga maskili tieghu u beda jimmasturba quddiemha u quddiem ohtha minuri ta' tmien snin ghalkemm C ghattiet wicc ohtha sabiex ma tkunx xhud ta' l-att indicenti li kien qed jaghmel l-appellant. Jirrizulta mix-xiehda tal-minuri kollha involuti f'din il-vicenda illi l-appellant wasal fuq il-post isuq vettura, ghalkemm ma giex stabbilit l-ghamla ta' din il-vettura u n-numru ta' registrazzjoni taghha, u rega' telaq minn fuq il-post isuq l-istess vettura. Mill-provi migjuba 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni rrizulta illi l-appellant ma ghandux licenzja tas-sewqan. L-appellant min-naha tieghu fl-istqarrija rilaxxjata minnu lil pulizija jichad illi ghamel dawn l-atti impudici, u li huwa irritallja meta gie mghajjar mill-minuri C.

Ikkunsidrat:

L-appellant jikkontendi illi huwa nieqes l-element tal-vjolenza mehtieg ghar-reat mahsub fl-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali, liema element kien mehtieg sabiex jissussisti r-reat fiz-zmien tal-kummissjoni tieghu. Dan ghaliex permezz tal-emendi introdotti bl-Att XIII tal-2018 dan l-element gie eradikat biex b'hekk issa l-att materjali tar-reat twessa' u dan meta illum jitqies hati kull minn jikkometti att ta' natura sesswali minghajr il-kunsens tal-vittma, bil-ligi ma toffri ebda definizzjoni ta' dak li ghandu jikkostitwixxi l-att materjali. L-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali fiż-żmien mertu tal-każ kien jinqara kif ġej:

**"Kull min jinsab ħati ta' attentat vjolent għall-pudur li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa sena:**

**Iżda fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tiżdied bi grad."**

Bl-artikolu 201 tal-Kodiċi Kriminali imbaghad iqies dawk ċ-ċirkostanzi meta jkun hemm il-preżunzjoni tal-vjolenza, mhux biss fir-rigward tar-reat tal-istupru, izda ukoll ghal kull reat iehor ta' attentat ghal pudur li jsir bil-vjolenza.

L-appellant jilmenta illi l-element tal-vjolenza huwa nieqes sabiex b'hekk ir-reat ma jistax jissussisti. Illi l-Qorti tistqarr minnufih li ma tistax taqbel ma din l-affermazzjoni ghalkemm ma ssibx applikazzjoni il-presunzjoni legali stabbilita fl-artikolu 201 hawn fuq iccitat, gjaldarba ma jikkonkorrux ic-cirkostanzi hemmhekk ravvizati bl-appellant akkuzat unikament li ikkometta dan ir-reat fil-konfront ta' C li kellha 'il fuq minn tnax-il sena. Illi llum l-legislatur haseb sabiex darba ghal dejjem jekwipara dan l-element tal-vjolenza ma' dak tan-nuqqas tal-kunsens similment ghal posizzjoni legali fil-ligi brittanika fejn kull att sesswali jew tentattiv ta' att ta' natura sesswali minghajr il-kunsens tal-vittma jammonta ghal reita'. Jinghad madanakollu illi l-gurisprudenza, mal-medda taz-zmien, xortawahda rabtet dan l-element tal-vjolenza ma' dak fejn jonqos il-kunsens tal-vittma.

**"L-attentat vjolent ghall-pudur, jew oltragg vjolent ghall-pudur, hu kostitwit minn <u>dawk l-attijiet impudici kollha li jigu kommessi fuq persuna ohra kontra l-volonta' taghha</u> li ma jammontawx ghal wiehed mid-delitti, ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel dak numru 222 tal-Kodici Kriminali. Hu difficli tirraviza l-figura ta' tentattiv ta' dan ir-reat; ghax jekk l-attijiet impudici ghandhom ga bidu, l-attentat jispicca u dawk l-attijiet jirrapprezentaw vjolazzjoni ga kompleta tad-dritt attakkat, minghajr ma hemm bzonn li wiehed jara jekk il-hati rraggungiex jew le l-iskop impudiku tieghu; mentri jekk l-atti impudici ma**

**jkollhomx bidu, allura jitqiesu biss bhala atti preparatorji, u l-attentat jisparixxi."[1]**

Illi l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u l-Vjolenza Domestika jaghti is-segwenti definizzjoni ta' dak li ghandu jikkostitwixxi vjolenza kontra n-nisa:

**"violence against women" is understood as a violation of human rights and a form of discrimination against women and shall mean all acts of gender-based violence that result in, or are likely to result in, physical, sexual, psychological or economic harm or suffering to women, including threats of such acts, coercion or arbitrary deprivation of liberty, whether occurring in public or in private life."**

Illi din id-definizzjoni thaddan fiha kull forma ta' vjolenza sew morali sew fizika, sesswali u psikologika jew kull forma ta' hsara maghmula kontra persuna tas-sess femminili li tinkludi anke it-theddida ghall-istess. Dan ifisser allura illi l-appellant ma jista' qatt iqies illi l-atti impudici li dwarhom huwa gie misjub hati ma ghandhomx fihom l-element tal-vjolenza meta gew kommessi fuq persuna ta' taht l-eta u cioe' tfajla ta' hmistax-il sena fil-presenza ta' minuri ta' tmien snin, meta minghajr il-kunsens tal-istess kien hemm tokkamenti fuq is-sider u l-warrani ta'l-istess tfajla u anke meta huwa qabadha minn ghonqha kontra l-volonta taghha sabiex jipprova ibusha. Mhux biss izda meta din irresistiet dawn l-atti fuq il-persuna taghha billi xejritlu daqqa fuq wiccu huwa ghadda biex kixef il-virga maskili tieghu u mmasturba quddiemha u quddiem il-minuri l-ohra f'post pubbliku.

Gie deciz illi anke l-att kważi fuġġesk tal-awtur tar-reat mhux magħmul b'intenzjoni libidinuża u wkoll nieqes mill-potenzjalita` korruttriċi iżda sufficjenti biex jiġi oltraġġat il-pudur tal-minorenni (jew almenu ta' uħud minnhom), kien bizzejjed sabiex jivverifika ruhu r-reat mahsub fl-artikolu 207

[1] Pulizija vs Gerald Cassar deċiża nhar it-18 ta' Lulju 1959 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u ppresduta mill-Imħallef Joseph Flores.

tal-Kodici Kriminali bhala aġir li għandu jitqies li jikkostitwixxi attentat vjolenti għall-pudur[2].

Illi magħdud dan kollu, u wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti kollha proċesswali u l-provi miġjuba u filwaqt il qieset il-verżjoni tal-parte ċivile u tat-tfajliet illi kienu fil-kumpanija ta' C kif ukoll il-verzjoni tal-appellant li tohrog mill-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, tqies illi l-appellant ma jistax jigi moghti affidament. Dan ghaliex il-verżjoni tal-fatti migjuba 'il quddiem mix-xhieda tal-prosekuzzjoni hija ferm aktar kredibbli minn dik tal-appellant u hija pjenament ikkorroborata. Kwindi m'hemm l-ebda dubbju li t-tielet imputazzjoni ġiet ippruvata sal-grad rikjest fil-ligi. Dan iwassal ukoll sabiex il-ħames imputazzjoni li taghha hu wkoll instab ħati, u cioe' r-reat tal-offiża tal-pudur jew tal-morali f'post pubbliku wkoll jissussisti.

Illi għal dak li jirrigwarda s-seba' u t-tmien akkużi miġjuba kontra l-appellant, anki f'dan il-każ din il-Qorti hija tal-fehma illi dawn l-akkużi ġew ippruvati sodisfaċentement u dan ghaliex jirrizulta illi l-appellant kien qed isuq vettura meta ma kellux liċenzja tas-sewqan u allura lanqas ma seta' kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni kontra riskji ghal terzi, b'din tal-ahhar titfa' fuqu l-oneru tal-prova sabiex jezonera ruhu mir-responsabbilita' penali. Fil-fatt jirriżulta mix-xhieda ta' Stephen Cachia, rapprezentant ta' Transport Malta, illi l-appellant m'għandu ebda liċenzja ta' sewqan fatt li konsegwentement iwassal ukoll għall-preżunzjoni li l-anqas kopertura b' assikurazzjoni ma kellu sakemm hu ma jġibx prova kuntrarja. Din il-prova ma tressqitx minnu u skond ix-xhieda tal-prosekuzzjoni l-appellant wasal u telaq minn fuq il-post b'vettura dakinhar tal-każ, liema vettura, kienet x'kienet, giet minnu misjuqa. Dan ifisser illi anki għal dak li jirrigwarda dawn iż-żewġ akkużi, l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issibu ħati tagħhom, liema decizjoni ghalhekk mhijiex ser tigi disturbata.

[2] Il-Pulizija vs Omissis – App.Inf. 164/2012 deciza 22/03/2017

**Ikkunsidrat:**

Illi jifdal biss l-aħħar gravam sottopost mill-appellant ghal konsiderazzjoni tal-Qorti marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, illi fil-fehma tiegħu hija waħda eċċessiva u li taqa' 'il barra mill-parametri tal-liġi.

L-appellant gie kkundannat ghal piena ta' sentejn priġunerija, kif ukoll giet ordnata l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal żmien sena. Issa l-piena li kien igorr ir-reat tal-attentat vjolenti ghal pudur fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat qabel l-emendi introdotti permezz tal-Att XIII tal-2018 kienet dik tal-prigunerija minn tlett xhur sa sena, liema terminu ta' prigunerija jista' jiżdied bi grad jekk tavvera ruhha xi waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi elenkati fl-artikolu 202 tal-Kodici Kriminali. Fost dawn insibu '*meta d-delitt isir quddiem minuri jew dan ikun jista' jisma' x'ikun qed isir'*, aggravanti indikata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha. Konsegwentement fid-dawl tal-fatt illi f'dan il-każ kemm C kif ukoll ohtha u t-tfajliet kollha li kienu fil-kumpanija tagħha kienu minuri, evidentement dan l-aggravanti isib applikazzjoni għal fattispecje ta' dan il-każ fejn b'hekk il-piena tista' tiżdied sa massimu ta' tmintax il-xahar bl-awment ta' grad. L-appellant gie misjub hati ukoll li kkometta r-reat mahsub fl-artikolu 209 tal-Kodici Kriminali, liema reat iġorr il-piena ta' mhux aktar minn tlett xhur prigunerija jew multa. Finalment għal dak li jirrigwarda r-reati mahsuba fil-Kapitolu 104 u l-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta dawn iġorru il-piena sa massimu ta' 3 xhur priġunerija jew multa, f'kull kaz. Konsegwentement, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) u (h) tal-Kodiċi Kriminali jirrizulta, wara d-debita komputazzjoni, illi l-minimu tal-piena hija dik ta' sitt xhur priġunerija, bl-għola piena titla' sa tmintax-il-xahar, b'zieda ma' dan hemm il-pieni mahsuba ghar-reati tat-traffiku sabiex il-massimu tal-piena li setghet tigi erogata kienet dik ta' wiehed u ghoxrin xahar prigunerija. Kwindi jidher illi l-appellant għandu raġun meta jgħid illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti teżorbita il-parametri tal-liġi allavolja mhux għar-raġunijiet imsemmija minnu.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell in parte tghaddi ghalhekk biex tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabet lill-appellant ħati tat-tielet, il-ħames, is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet u fejn din illilberatu mill-bqija tal-akkużi, u filwaqt li tikkonferma wkoll l-ordni ta' protezzjoni kif imposta u l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal żmien sena, tirriforma il-piena inflitta u tikkundanna lill-appellant għall-piena kumplessiva ta' hmistax-il (15) xahar priġunerija.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur